

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein hallinto-oikeus (il-Finlandja) fit-23 ta' Diċembru 2010 — Insinööritoimisto InsTiimi Oy

(Kawża C-615/10)

(2011/C 72/23)

Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż

Qorti tar-rinviju

Korkein hallinto-oikeus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Insinööritoimisto InsTiimi Oy

Konvenut: Puolustusvoimat

Domanda preliminari

Id-Direttiva 2004/18/KE ⁽¹⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi], fid-dawl tal-Artikolu 10 ta' din id-direttiva, tal-Artikolu 346(1)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tal-lista ta' armi, munizzjon u materjal tal-gwerra addottati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, tal-15 ta' April 1958, tapplika għal kuntratt li, barra minn dan, jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, meta skont l-awtorità kontraenti, il-materjal li huwa s-suġġett ta' dan il-kuntratt huwa intiż għal finijiet speċifikament militari, iżda jeżistu wkoll applikazzjonijiet tekniċi ta' użu essenzjalment simili fis-suq ċivili?

⁽¹⁾ ĠU L 134, p. 114

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Haparanda Tingsrätten (l-Isvezja) fis-27 ta' Diċembru 2010 — Åklagaren vs Hans Åkerberg Fransson

(Kawża C-617/10)

(2011/C 72/24)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

Qorti tar-rinviju

Haparanda Tingsrätten

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Åklagaren

Konvenut: Hans Åkerberg Fransson

Domandi preliminari

(1) Taħt id-dritt Svediż huwa meħtieġ li jkun hemm bażi ċara fil-Konvenzjoni Ewropea, tal-4 ta' Novembru 1950, għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-“KEDB”) jew fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex qorti nazzjonali tkun tista' ma tapplikax dispożizzjonijiet nazzjonali li jistgħu jkunu kuntrarji għall-prinċipju ta' *ne bis in idem* taħt l-Artikolu 4 tal-Protokoll Addizzjonali Nru 7 tal-KEDB u li għalhekk jistgħu jkunu kuntrarji wkoll għall-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, tas-7 ta' Diċembru 2000 (iktar 'il quddiem il-“Karta”). Tali kundizzjoni taħt id-dritt nazzjonali sabiex ma jiġux applikati dispożizzjonijiet nazzjonali hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari mal-prinċipji ġenerali ta' dan id-dritt, inklużi l-prinċipji ta' supremazija u ta' effett dirett tad-dritt tal-Unjoni?

(2) L-ammissibiltà ta' akkuża għal reati fiskali taqa' taħt il-prinċipju ta' *ne bis in idem* taħt l-Artikolu 4 tal-Protokoll Addizzjonali Nru 7 tal-KEDB u taħt l-Artikolu 50 tal-Karta meta sanzjoni finanzjarja partikolari (żieda fit-taxxa) tkun diġà għet imposta fuq l-akkużat fil-kuntest ta' proċeduri amministrattivi fir-rigward tal-istess fatt, jiġifieri l-għoti ta' informazzjoni falza?

(3) Ir-risposta għad-domanda 2 hija affettwata mill-fatt li hija meħtieġa koordinazzjoni ta' dawn is-sanzjonijiet b'tali mod li l-qrati ordinarji jistgħu jnaqqsu l-piena fil-proċeduri kriminali jekk l-akkużat kien diġà suġġett għal żieda fit-taxxa minħabba l-istess fatt, jiġifieri l-għoti ta' informazzjoni falza?

(4) Taħt ċerti ċirkustanzi, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* imsemmi fid-domanda 2, jista' jkun permess li jiġu ordnati sanzjonijiet addizzjonali fi proċeduri ġodda fir-rigward tal-istess aġir li kien diġà eżaminat u li kien ta' lok għal deċiżjoni li jiġu imposti sanzjonijiet fuq il-persuna kkonċernata. Jekk ir-risposta għad-domanda 2 tkun fl-affermattiv, il-kundizzjonijiet tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* għall-impożizzjoni ta' diversi sanzjonijiet fi proċeduri separati jkunu sodisfatti meta fil-proċeduri ulterjuri jitwettaq eżami taċ-ċirkustanzi tal-każ li jkun ġdid u indipendenti mill-eżami li jkun sar fil-proċeduri preċedenti?

(5) Is-sistema Svediża fejn l-impożizzjoni ta' żieda fit-taxxa u l-eżami tar-responsabbiltà għal reati fiskali jitwettqu fi proċeduri separati hija mmotivata min-numru ta' raġunijiet ta' interess ġenerali [...]. Jekk ir-risposta għad-domanda 2 tkun fl-affermattiv, sistema bħal dik Svediża hija kompatibbli mal-prinċipju ta' *ne bis in idem* meta jista' jkun possibbli li tiġi stabbilita sistema li ma taqax taħt il-prinċipju ta' *ne bis in idem* mingħajr ma jkun meħtieġ li jew ma tiġix imposta żieda fit-taxxa jew ma tingħatax deċiżjoni dwar responsabbiltà għal reati fiskali billi, jekk ir-responsabbiltà